MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 182/2005/2

**Windsor Co. Ltd**

**vs**

**Fithome Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta’ Novembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta’ elf, seba’ mija u sittax-il lira Maltin (LM1,716.00) dovuta bhala bilanc minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-

socjeta attrici fuq struzzjonijiet taghha stess. (Dok. A).

Bl-imghax legali mit-tmintax (18) ta’ Dicembru 2001 u bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata tnax (12) ta’ Ottubru 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 654/05, kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezenanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Fithome Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikoli 2148 u 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizju ghas-suespost, is-socjeta esponenti mhiex obbligata thallas l-ammont fl-Avviz stante illi huwa wiehed eccessiv.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, x-xoghlijiet pprestati mis-socjeta attrici kienu hziena u mhux skond is-sengha u l-arti u fihom hafna difetti, tant illi ghal min kienu destinati dawn ix-xoghlijiet ma accettahomx minhabba f’hekk, kollox kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta attrici.

Illi nhar it-tlieta ta’ Novembru 2005, xehed Anthony Galea Managing Director tas-socjeta attrici u spjega li xi zmien ilu circa fis-sena 1999 kien mar xi rapprezentant tas-socjeta konvenuta u gablu siggu u tah struzzjonijiet biex jaghmillu l-upholstery tieghu u meta lesta dan ix-xoghol dan approvah u gablu konsenja ta’ siggijiet ohra biex jaghmel l-istess fuqhom. Qal li sakemm jiftakar li

x-xoghol kien sar f'erba' stadji u ghal kull stadju kien hareg invoice separate. Huwa ghalhekk esebixxa l-invoices u d-delivery notes relattivi ghal partita ta' siggijiet li huma ghamlu l-upholstery taghhom. Huwa esibixxa invoice datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 1999, li giet markata bhala Dok. AG 1 ghas-somma ta' seba' mija disgha u hamsin lira Maltin (LM759) rappresenanti xoghol t'upholstery li sar fuq diversi siggijiet, Invoice datata erbgha (4) ta' Gunju 1999 li giet markata bhala Dok. AG 2 ghas-somma ta' tmien mija erbgha u tmenin u hamsin centezmi maltin (LM848.50) rapprezentanti konsenja ta' wiehed u sittin siggu w Invoice iehor ukoll datat erbgha (4) ta' Gunju 1999 immarkata bhala Dok. AG 3, ghas-somma ta' tnejn u sebghin lira u hamsin centezmu (LM72.50), rappresentanti konsenja ta' hames siggijiet ohra. Spjega li f'kull delivery note hemm il-firma tar-rapprezentant tal-konvenuti li jkun ircevihom.

Spjega li bhala prattika, huma jibghatu statement kull xahar lid-debituri taghhom. Qal li f'dan il-kaz wara li ghadda certu zmien huwa beda jaghmel telefonati u jkellem lid-Diretturi tas-socjeta konvenuta u jistaqsi ghall-hlas. Wara xi zmien huwa ltaqa' ma certu Mr. Vella, Direttur tas-socjeta konvenuta, u dan spjegalu li s-siggijiet ma kienitx hadithom s-socjeta li kienu destinati ghaliha, pero dan nonostante weghdu li kien ser jibghatlu pagament ta' seba' mitt lira Maltin (LM700) akkont u dan kien ghamillu din id-dikjarazzjoni quddiem u fil-presenza ta' Jason Galea, impjegat tas-socjeta attrici. Qal li dan kien xi sena u nofs wara li saru l-konsenji.

Spjega li l-klijent kien xtaq li jitpogga xi piping fuq is-siggu pero l-groove ma kienx fond bizzejjed u ghalhekk kienu ssugerew li jitpogga xi braid, pero r-rapprezentant tas-socjeta konenuta ma kellux pjacir b'dan u ghalhekk hadmu kif ried il-klijent u kien ghalhekk li lestewlu l-ewwel il-kampjun sabiex

juruh ix-xoghol. Kien wara li l-konvenut approva l-kampjun li huma komplew bix-xoghol. Dan nonostante l-konvenut qatt ma baghat xi pagament w ghalhekk beda jerga jipprova jikkomunika mieghu. Huma l-hin kollu jweghduh li ser ihalsuh, izda l-pagament qatt ma intbaghad. Qal li l-konvenuti qatt m'ilmentaw mieghu fuq il-kwalita tax-xoghol, izda kienet id-designer li ma ghogobhiex ix-xoghol.

In kontr'ezami, mistoqsi ghaliex is-sur Vella ma riedx ix-xoghol, ix-xhud stqarr li sa fejn kien jaf hu l-konvenuti ma ghogobhomx ix-xoghol. Is-sur Vella kien ukoll talbu sabiex isib xi hadd li kien interessat f'dawn is-siggijiet. Qatt ma qallu li ma kienx kuntent bix-xoghol, u sar jaf li l-konvenuti ma kienux kuntenti bix-xoghol meta rcieva ittra responsiva ghall-ittra legali li kien baghat. Jghid ukoll li anke wara li kien baghat l-ittra legali tieghu, huwa rega' mar ikellem lis-sur Vella u dan irtira din l-allegazzjoni w ippromettilu li jeffettwa l-hlas. Spjega li huwa kien ghamel tlett konsenji tas-siggiejiet billi qal li kienu jghamlu hekk sabiex is-socjeta konvenuta tkun tista tghaddihom lill-klijenti taghha man mano li kienet tircevihom. Ikkonferma li bejn l-ewwel u l-ahhar konsenja, ghaddew kwazi xahrejn.

Illi nhar it-tnejn (2) ta' Frar 2006 xehed Louis Grima prodott mis-socjeta attrici fejn qal li huwa kien ghamel erbghin sena mpjegat mas-socjeta attrici, pero dakinhar li xehed, kien irtirat. Qal li kien jahdem fuq it-tapezzerija ta' l-ghamara. Ftakar li s-socjeta konvenuta kienet pprezentat domanda mas-socjeta attrici sabiex jaghmlu xi pultruni u ghal bidu ghamluha sample. Dan is-sample kien gie approvat u ghalhekk saret xi ordni u bdew jaghmlu lott lott ta' pultruni ghas-socjeta konvenuta. Qal li kien jaf li l-pultruni tlestew, pero meta mbaghad johorgu minn taht idejh, imorru post iehor u minn hemmhekk jigu konsenjati u fil-konsenja ma jidholx u lanqas meta effettivament

gew konsenjati ma kien jaf. Qal li lmenti minghand is-socjeta konvenuta qatt ma ircieva, salv f'okkazjoni wahda meta jiftakar kumment, fis-sens li l-injam li ntuza ma kienx irfinat ghaliex kellu xi hanek, ghalkemm l-injam kienet ipprovdietu l-istess socjeta konvenuta. Huwa kien issugerixxa li jitpogga xi lazz, pero s-socjeta konvenuta ma rieditx li dan isir. Susegwentement kien staqsa jekk is-socjeta konvenuta rieditx li jitpogga xi braid pero s-socjeta konvenuta ma baghtet qatt risposta. Ghalhekk huwa kien lesta ix-xoghol u safejn jaf hu, gew konsenjati grupp grupp.

In kontr'ezami jghid li huwa hadem ta' tapizzar ghal erbgha u erbghin (44) sena. Mistoqsi kif kien jaf dwar din il-kwistjoni tal-lazz, huwa wiegeb li l-imghallem tieghu kien qallu jekk setghux ipoggu l-lazz aktar'l isfel, izda huwa kien infurmah li minhabba l-konfigurazzjoni ta' l-injam moghti lilhom mis-socjeta konvenuta, dan ma kienx possibbli. Qal li safejn jaf hu x-xoghol kien tajjeb pero kieku is-socjeta konvenuta kienet accettat li jsir il-braid, allura ix-xoghol kien ikun aktar irfinat. Ikkonferma wkoll li x-xoghol kien qed isir batch batch, jitnizzel isfel w imbaghad jigi mehud ghand is-socjeta konvenuta.

Illi nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2006 xehed Alfred Vella Managing Director tas-socjeta konvenuta. Qal li fis-sena 1999 huwa kien ha ordni sabiex jissuplixxi siggijiet lil lukanda u kien xtara s-siggijiet u biex isir it-tapezzar fuqhom kien irrikorra ghand is-socjeta attrici. Huwa kien spjega x'tip ta' tappezzerija kien ried u fil-fatt is-socjeta attrici kienet ipprovdietlu sample. Dan kien accettabli w ghalhekk kien ghamel ordni ghal mija u ghaxar siggijiet. Spjega li x-xoghol beda jinhadem fuqhom mis-socjeta attrici u gew konsenjati fi tlett partiti b'invoice partikolari ghal kull invoice skond dawk esebiti mis-socjeta attrici markati bhala Dok. AG 1 AG 2 u AG 3. Qal li 'n segwitu huwa kkonsenjhom lil lukanda w ircieva xi lmenti fis-

sens li beda jinqala' l-beading u l-upholstery ma kienx tajjeb. Huwa ghalhekk kien informa lis-socjeta attrici dwar dan u dawn qalulu li kienet kwistjoni li l-injam li huma kienu tawhom ma kienx tajjeb.

Stqarr li l-lukanda rrifjutat is-siggijiet w ghalhekk kellu jirtirhom sabiex jottempora ruhu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratt li kellu maghhom u cioe li jixtri mija u ghaxar siggu sostituttiv w in oltre wehel hamest elef lira Maltin (LM5,000) penali minhabba l-inadempjenza tal-kuntratt.

Qal li dawn is-siggijiet ghadhom fl-imhazen tieghu sa dakinhar u qieghed jara kif ser ibieghhom bi prezz ridottissimu biex jehles minnhom. Qal li appena jbiegh dawn is-siggijiet, huwa kien lest li jghamel xi pagament proprorzjonat ghax-xoghol li effettivament lahqet ghamlet is-socjeta attrici.

Cahad dak li kien qal ir-rapprezentant ts-socjeta attrici li huwa kien pprometta li jhallas dak li kien qed jigi mitlub ihallas. Qal li huwa kien qal li jekk is-socjeta attrici jew huwa jsib il-biegh tas-siggijiet fil-kundizzjoni li kienu huwa kien lest li jaqta' mit-telf tieghu u maghhom jaqsam ir-rikavat. Huwa qatt m'ircieva xi intimazjoni ufficjali biex ihallas qabel l-ittra ufficjali tat-tnax (12) ta' Ottubru 2004 u minn dakinhar ta' dik l-ittra, huwa rcieva l-avviz tal-kawza odjerna.

Ikkonferma li l-ftehim originali kien ghamlu ma certu Jason li jigi n-neputi tad-Direttur tas-socjeta attrici. Il-ftehim kien fis-sens li l-upholstery kellu isir bir-rata ta' erbatax-il lira u hamsin centesmu Maltin (LM14.50) kull siggu kif fil-fatt gie indikat fl-invoice datat erbgha (4) ta' Gunju 1999. |Illi pero jirrizulta li fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju r-rata li applikat s-socjeta attrici, kien ta' sbatax-il lira u hamsa u ghoxrin centesmu Maltin (LM17.25), liema rata hija zbaljata u huwa kien lmenta dak il-

hin w ghalhekk kienu gew applikati r-rati t-tajba fl-invoices li gew wara.

Mistoqsi ghaliex kien wehel il-penali ta’ hames elef lira Maltin (LM5,000) u li ghadu bis-siggijet fil-mahzen u dan nonostante ghadu lest ihallas lis-socjeta attrici, x-xhud wiegeb li kien lest li jghamel dan biex juri il buona volonta’.

Huwa esebixxa kopja t’ittra mibghuta mid-difensur tieghu fid-disgha (9) ta’ Ottubru 2002, fejn kien irrileva dak li xehed dwaru f’din is-seduta u l-ittra giet markata bhala Dok. ‘AV 1’.

Rat is-sentenza moghtija minnha nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’Ottubru 2008, kif ukoll dik moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell nhar it-tlieta (3) t’Ottubru 2008, fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Semghet il-partijiet jawtorizzawha tghaddi ghas-sentenza fuq i-mertu fis-seduta ta’ nhar il-hamsa (5) ta’ Novembru 2009.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghalhekk sejra tiddecidi jekk l-attur ghandux ragun dwar il-mertu tal-kawza u cioe jekk ix-xoghol li sar fuq is-siggijiet konsenjati kienx skond is-sengha w l-arti w ghalhekk, qabel ma l-Qorti tidhol biex tezamina dan il-punt, jehtieg li hija taghmel ezami tal-provi kif prodotti dwar dan il-kaz.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

a) I bda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) F il-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il -gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) Il -valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici

ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma’ l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta’ revizjoni – Ara b’ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta’ Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)”;

Illi ghalhekk kien jispetta lil konvenut jipprova li x-xoghol li sar ma kienx skond is-sengha w l-arti u dan ghaliex l-eccezzjoni tieghu saret f’dan ir-rigward.

Il-konvenut bhala prova, ressaq biss il-Managing Director tas-socjeta konvenuta li kkonferma f’hiex kienet tikkonsisti l-ordni w ikkonferma li l-ordni kienet wahda maghmula skond il-kampjun muri lilu mis-socjeta attrici. Pero jghid li x-xoghol ma sarx skond il-kampjun muri lilu u cioe skond is-sengha w l-arti, ghaliex l-beading li kien sar fit-truf tas-siggijiet beda jinqala’. Jghid ukoll li l-lukanda li kellha tircievi dawn is-siggijiet, ma kienitx kuntenta bihom w ghalhekk m’accettathomx u li ghalhekk kellu jhallas d-danni fl-ammont ta’ hames elef lira Maltin (Lm5,000).

Interessanti pero l-faatt li jghid li s-siggijiet ghadhom ghandu sa llum u jinsabu fl-imhazen tieghu u jghid li jekk isisb il-biegh taghhom huwa lest li jhallas lis-socjeta attrici billi jaqta’ mit-telf tieghu u jaqsam ir-rikavat maghha. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut kien ha xi passi legali fil-konfront tas-socjeta attrici qabel m’ircieva l-intimazzjoni ghall-hlas minghandha.

Gie osservat ukoll, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet Piscopo vs Filletti et deciza fis-sittax (16) ta’ Gunju, 2003 illi:-

"Ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (Vol. XII/1; Vol. XXVI/i/193; Vol. XXXII/i.163; Vol. XXXIX/i/250, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata wara l-konsenja (Vol. XX/i/273; Vol. XXI/i/399 u Vol. XLIX/ii/955)".

Ziedet tghid l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Piscopo vs Filletti et, sup.cit., illi:-

"Fil-kawza fl-ismijiet Diacono vs Galea riportata a Vol. XVIII/iii/59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi tal-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma: (i) il-premessa esplicita ta' xi kwalita li l-kompratur kellu specjalment in mira; u (ii) li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga".

Jekk huwa rcieva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt.

Jirrizulta pero mill-atti li huwa m'iddepositax is-siggijiet taht il-kustodja tal-Qorti u lanqas ma jirrizulta li l-konvenut kiteb lis-socjeta attrici, sabiex jinfurmaha dwar l-ilmenti tieghu qabel ma l-istess socjeta attrici kienet kitbet lis-socjeta konvenuta nhar l-erbgha (4) t'Ottubru 2002 fejn talbet il-hlas tal-konsenja u huwa kien wiegeb din l-ittra nhar id-dissgha (9) t'Ottubru 2002 fis-sens li l-hlas ma kienx dovut ghaliex x-xoghlijiet li saru kienu hziena.

Illi peress illi s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova materjali sabiex tipprova tiggustifika l-eccezzjoni taghha, bhal per ezempju xi rapport minn persuna mharrga f'din it-teknika ta' tapizzerija jew xi ritratti li juru dawn in-nuqqasijiet,

l-Qorti ghandha biss l-allegazjoni maghmula mis-socjeta konvenuta kif michuda mis-socjeta attrici.

Is-socjeta konvenuta esebiet l-email li rceviet minghand il-Mellieha Bay Hotel fejn hemm indikat li hija ma kienitx ser taccetta it Tub Chairs, ghaliex it-tapizzerija ma hiex acettabli. Illi s-socjeta konvenuta naqset li tressaq raprezentant ta' din il-lukanda sabiex tipprova lil Qorti x'kien hemm hazin fit-tapizzerija. Ma jirrizulta l-ebda nexus lanqas bejn is-siggijiet li kkonsenjat is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u l-email tal-Lukanda Mellieha Bay Hotel. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova li huma l-istess siggijiet, la hemm imsemmi numru jew lewn f'din l-email.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni li x-xogholijiet ta' tapizerija prestati mis-socjeta attrici, ma kienux skond is-sengha u l-arti, qed tigi michuda.

Jibqa' ghalhekk l-eccezzjoni dwar jekk is-somma mitluba mis-socjeta attrici hiex eccessiva jew le.

Minn ezami tal-provi f'dan ir-rigward, jirrizulta li s-socjeta attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-hrug ta' tlett invoices esebiti a fol. 17 fl-ammont ta' LM759, a fol. 21 fl-ammont ta' Lm884.50 u a fol. 23 fl-ammont ta' LM72.50 li lkoll flimkien jammontaw ghall-ammont reklamat mis-socjeta attrici.

Jirrizulta li dawn l-invoices intbaghtu f'Mejju u f'Gunju tas-sena 1999 ftit wara li saru l-konsenji relattivi.

Issa minn dakinhar 'l quddiem u cioe sakemm is-socjeta konvenuta wiegbet ghat talba tal-hlas tas-socjeta attrici nhar id-disgha (9) t'Ottubru 2002. Il-Qorti ghalhekk tistaqsi; 'kien hemm bzonn li jghaddu 'l fuq minn tlett snin sabiex is-socjeta konvenuta tikkontesta dawn l-invoices u tghid li l-ammont mitlub hu esagerat?'

Il-Qorti ma thossx illi l-agir tas-socjeta konvenuta f'dan ir-rigward kien wiehed idoneju w accettabli.

Pero huwa minnu li f'zewg invoices hemm rata ta' LM14.50 ghat-tapizzerija ghal kull siggu filwaqt li f'invoice partikolari hemm rata ta'LM17.25 ghal kull siggu.

Dwar dan is-socjeta attrici ma tghid xejn filwaqt li s-socjeta konvenuta tghid li l-ftehim kien li kellha tigi ccargjata bir-rata ta' LM14.50 u li d-dirigenti taghha kienu infurmaw lis-socjeta attrici, dwar dan, izda baqghet m'ghamlet ebda korrezzjoni fl-invoice mibghuta minnha datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 1999. Meta xehdu d-dirigenti tas-socjeta attrici m'ghamlu l-ebda referenza ghal din d-deskrepanza.

Ghalhekk l-Qorti hija propensa tghid li s-socjeta attrici ghamlet zball fl-invoice taghha datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 1999 esebita fol. 17 ghaliex il-prezz ghal kull siggu kellu jkun LM14.50 u mhux LM17.25 w ghalhekk din il-Qorti sejra tnaqqas id-differenza f'over charging u cioe is-somma ta' LM2.75 ghal kull siggu.

Ghalhekk f'din il-konsenja kien hemm erbgha w erbghin (44) siggu u jekk dan l-ammont jigi multiplikat bis-somma ta' LM 2.75, l-ammont totali jigi ghal LM121 ekwivalenti ghal EURO 281.85.

Ghalhekk il-Qorti thoss li mill-ammont mitlub fl-avviz promoter, ghandha titnaqqas is-somma ta' LM121.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talba tas-socjeta attrici.

> L-ispejjes ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici.”

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravji f’dawn it-termini:-

1. L-ewwel Qorti applikat hazin il-principju *reus in excipiendo fit actor*;

2. Lanqas ma kienet proceduralment korretta li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ghaliex din kienet diga` definittivament deciza;

3. Kellha invece, meta ppremettiet li kellha titnaqqas is-somma ta’ Lm121, tghaddi biex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tad-differenza u mhux li tichad it-talba;

Huwa fl-ordni logiku illi l-ewwel aspett li din il-Qorti ghandha tinvesti jirrigwarda l-punt procedurali mqanqal sija bit-tieni u bit-tielet aggravju u dan, gjaladarba, is-socjeta` appellanti qeghda essenzjalment iggib ‘il quddiem l-ezistenza ta’ kuntrast bejn il-parti decizorja tas-sentenza u l-parti razzjonali taghha;

Ghall-ahjar stharrig ta’ din il-kwestjoni hu utli li jigi qabel xejn ri-affermat b’introduzzjoni illi, kif enuncjat, “*per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse la questione sulla quale il Giudice fu chiamato a pronunciarsi e la discussione che precedetta il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche essa parte integrale della sentenza, sebbene non ne sorga il giudicato*”. Ara “**Filippo Farrugia Guy *et* -vs- Sac. Angelo Farrugia**”, Appell Civili, 12 ta’ Novembru, 1919, “**Carmelo Rutter Giappone *nomine* -vs- Maria Philips *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 15 ta’ Gunju, 1934 u “**Cassar Airconditioning**

**Systems Ltd -vs- Norman Zammit**”, Appell Inferjuri, 1 ta’ Marzu, 2006;

Premess dan, l-atti juru illi skond l-ordni minnha kkoncepita s-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha b’dawn l-eccezzjonijet:-

i. il-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikoli 2148 u 2156, Kapitolu 16;
ii. li l-ammont reklamat hu eccessiv;
iii. ix-xoghlijiet kkonsenjati ma kienux skond l-arti u s-sengha;

L-istess atti jissoktaw jistabilixxu illi bis-sentenza taghha tat-28 ta’ Jannar, 2008 l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (f) Kodici Civili izda s-sentenza relattiva giet eventwalment revokata minn din il-Qorti fit-3 ta’ Ottubru, 2008. Ezawrita din il-fazi, l-ewwel Qorti fuq ir-remissjoni lura lilha ta’ l-atti ghaddiet biex tikkonsidra u tiddeciedi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet permezz tal-pronuncjament taghha tas-27 ta’ Novembru 2009, issa appellata.

Ma jistax ma jkunx notat illi f’din l-ahhar sentenza l-ewwel Qorti rragunat il-mod illi cahdet l-eccezzjoni illi x-xoghlijiet ma sarux skond it-teknika tajba ta’ l-arti u tas-sengha (it-tielet eccezzjoni) u mmodifikat bi ftit l-ammont reklamat bit-talba in bazi ghall-valutazzjoni minnha tal-provi wara li investit id-difiza ta’ l-eccessivita` sottoposta mis-socjeta` konvenuta (it-tieni eccezzjoni). Gara pero` li meta giet biex tirridiegi l-parti decizorja tas-sentenza, wisq stranament adoperat l-istess lokuzzjoni minnha adottat fit-tfassil tas-sentenza precedenti taghha tat-28 ta’ Jannar, 2008 li biha kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Eccezzjoni din li, kif diga ravvizat, kienet giet minn din il-Qorti finalment respinta bid-decizjoni taghha tat-3 ta’ Ottubru, 2008;

Huwa mill-ewwel apparenti illi mir-raffront bejn il-parti tad-decide tas-sentenza appellata u dik tal-motivazzjoni taghha tezisti kontradittorjeta lampanti in kwantu r-raguni mqeghda ghab-bazi tar-*ratio decidendi* tinsab sostanzjalment f'kuntrast irriducibbli mal-parti razzjonali ta' l-istess sentenza. Fil-presenza ta' tali kuntrast insanabbli mhux possibbli li wiehed joqghod jindividwa dak statwit mill-gudikant permezz ta' valutazzjoni ta' prevalenza ta' xi affermazzjoni l-wahda jew l-ohra. Lanqas ma jidher li hu possibbli li wiehed joqghod ifittex interpretazzjoni komplessiva mid-decizjoni ghaliex, kif jinsab ritenut, jekk ma tkunx tezisti rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni jew, dak li hu aghar, jekk tali rabta tkun tirrizulta kontradittorja jew non-konsegwenzjali, allura jkun jonqos element essenzjali tad-decizjoni u tali jinficja u jinvalida d-decizjoni. Ara "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999;

Jista' jkun li dak li effettivament gara kien merament *lapsus* materjali da parti ta' l-ewwel Qorti li forsi insiet illi l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet diga giet definita. Hu x'inhu, kif determinat minn din il-Qorti kif presjeduta f'kawza alkwantu konsimili, la s-sentenza mhix konformi ghall-kriterju tal-korrettezza guridika u tal-koerenza logika, il-proposizzjoni kontenuta fil-parti decizorja hi ghal kollox inkonciljabbli mal-motivazzjoni u, s'intendi, tippekka minn illogicita`. Ara "**Middlesea Insurance plc -vs- Paul Caruana *et***", Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007;

Maghdud dan, u ri-ezaminati *ex novo* l-provi attendibbli, id-decizjoni ultima ta' l-ewwel Qorti kellha tkun dik illi, kif wisq tajjeb ragonat, is-socjeta` konvenuta appellata tabilhaqq naqset milli tipprova u tikkonvinci l-asserita allegazzjoni taghha, illi x-xoghlijiet ta' *upholstery* ma kienux konformi ghall-arti u s-sengha. Din il-konkluzjoni hi msahha mill-fatt illi mid-data tal-konsenja tas-siggijiet fl-1999 sal-lum l-istess socjeta` konvenuta zammet ghandha l-istess siggijiet, u, kif saput, tali atteggjament mhux konduciv ghas-sostenn ta' allegazzjoni bhal dik;

Minn naha l-ohra, il-Qorti ghandha ghaliex tahseb illi r-rata ta’ Lm17.25 fuq il-fattura tat-28 ta’ Mejju 1999 (fol. 17) mhix dik idoneja meta fiz-zewg fatturi l-ohra ta’ l-4 ta’ Gunju 1999 (fol. 21 u fol. 23) ir-rata indikata hi dik ta’ Lm14.50. Il-fatt illi, kif kontez mis-socjeta` appellanti, is-socjeta` konvenuta ffirmat ghad-*delivery notes* ma jeliminax il-fatt tal-kontestazzjoni *a tempo debito* tar-rata murija fuq l-ewwel fattura su-indikata. Ara xhieda *in calce* ta’ Alfred Vella ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, fol. 30.

Ghal motivi kollha predetti l-Qorti filwaqt li qed takkolji l-appell tas-socjeta` attrici u prevja n-nullita tas-sentenza appellata, tilqa’ fil-mertu t-talba attrici pero` limitatament fis-somma ta’ elf, hames mija hamsa u disghin lira Maltin (Lm1595) ossija tlett elef sebgha mija u hmistax-il euro hamsa u tletin centezmu (€3715.35). Hi din is-somma li s-socjeta` konvenuta qed tigi ordnata thallas lis-socjeta` attrici flimkien ma’ l-imghax legali kif mitlub fl-Avviz promotur u bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------